

Sussidjarjament:

tikkonstata li billi ma kkomunikax lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrativi kollha neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, li temenda d-Direttiva 96/48/KE dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji ta' veloċità kbira u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji konvenzjonali, il-Gran-Dukat tal-Lussemburgo naqas milli jwettaq l-obbligi li huwa għandu skond l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva;

— tikkundanna lil-Gran Dukat tal-Lussemburgo jbatisse l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/50/KE skada fid-29 ta' April 2006.

(¹) ĠU L 164, p. 114 u l-corrigendum L 220, p. 40.

2001/16/KE (³) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji konvenzjonali, hija naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tbatil l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/50/KE skada fit-30 ta' April 2006.

(¹) ĠU L 164, p. 114.

(²) ĠU L 235, p. 6.

(³) ĠU L 110, p. 1.

Rikors imressaq fl-22 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-245/07)

(2007/C 155/33)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: G. Braun, P. Dejmek, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Talbiet

— Tiddikjara li billi r-Repubblika Federali tal-Ġermanja m'adottatx, fit-terminu previst, jew ma kkomunikatx lill-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrativi kollha neċċesarji sabiex tittrasponi fis-sistema legali interna tagħha d-Direttiva 2004/50/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva 96/48/KE (²) dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea dwar ferroviji ta' veloċità kbira u d-Direttiva

Rikors imressaq fl-24 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-250/07)

(2007/C 155/34)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Pataki u D. Kukovec)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li r-Repubblika Ellenika, billi naqset milli tippubblika skond sejħa għall-kompetizzjoni u billi damet mingħajr ġustifikazzjoni ma twieġeb għat-talba għal kjarifiki magħ-mula minn qed jilment fir-rigward tar-raqunijiet għaċ-ċaħda ta' l-offerta tiegħu, naqset milli obbligu li kellha li tip-pubblika s-sejħa għall-kompetizzjoni qabel ma sar il-proċediment għall-preżentazzjoni ta' l-offerti skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 93/38/KEE li tikkoordina l-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku għal entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-transport u tat-telekomunikazzjoni (¹), kif ukoll l-obbligu li kellha taħt l-Artikolu 41(4) tad-Direttiva 93/38/KEE, kif jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika tbatil l-ispejjeż.